# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**DIGRIET**

**Illum il-25 ta' Novembru 2022**

Fl-atti tat-Talba Nru: **141/2021 JG**

Fl-ismijiet

**Carini Stores Limited**

**Vs**

**Tabone Computer Centre Limited**

It-Tribunal;

Ra r-rikors tas-soċjetá konvenuta, datat 27 ta' Lulju 2022 tramite liema talbet titħalla li jiġi eżebit rapport peritali;

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal tal-1 ta' Awwissu 2022;

Ra dak li seħħ fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2022 fejn din il-kawża tħalliet għall-preżenti provvediment;

Ra r-risposta tal-konvenut tas-soċjetá attriċi datata 8 ta' Novembru 2022, permezz ta' liema oġġezzjona għal din it-talba.

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi permezz tar-rikors hawn issa diskuss, s-soċjetá konvenuta qiegħda titlob li terġa tingħata opportunità, wara li kienet saret it-trattazzjoni finali f'dan il-każ, sabiex teżebixxi rapport peritali ġdid dwar allegati nuqqasijiet fix-xogħol mwettaq riskontrati fl-ambjenti mertu ta' dawn il-proċeduri, wara li l-kawża kienet diġa marret għas-sentenza.

Illi mill-ewwel irid jingħad li dan it-Tribunal ma huwa sodisfatt xejn bil-mod kif imxiet s-soċjetá konvenuta. Tassew, it-Tribunal qiegħed jara li ċertu grad ta' informaliżmu li jidher li ħakem l-operat quddiem dan it-Tribunal matul is-snin għadu jimmanifesta ruħu[1]. Dan qiegħed jirreka telf ta' żmien, minbarra l-fatt li jista jagħti lok għal riżultanzi diżastruzi. Dan kollu qiegħed jingħad għaliex m'għandu jkun qatt permess li parti f'kawża li tixtieq titlob li terġa tiftaħ l-istadju tal-provi, teżebixxi d-dokumenti b'dan il-mod u dan qabel ma jkun hemm digriet li jawtorizzaha timxi hekk. Tassew, dan huwa ċensurabbli u għalhekk dan it-Tribunal sejjer jordna l-isfilz tad-dokumenti konsiderevoli li ġew eżebiti ma dan ir-rikors. Parti l-ewwel għandha titlob permess.

[1] Dan it-Tribunal, diversament presedut, ilu issa għal snin sħaħ jissenjala dan il-perikolu. Fost ħafna, wieħed huwa mistieden jara dak li ntqal fil-provvediment **Vodafone Malta Limited vs Zisa Logistics Malta Limited** (Tlb Nru: 49/2018KCX) deċiża minn dan it-Tribunal kif hemm presedut nhar il-10 ta' Lulju 2019. Dik is-sentenza ġiet riferuta wkoll fis-sentenza ta' dan it-Tribunal fl-ismijiet **Antoinette Duffin vs Shaun Zammit** (Tlb Nru: 548/2018) mogħtija nar is-16 ta' Settembru 2021.

Illi t-Tribunal jifhem u japprezza li skond l-artikolu 9(1) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta huwa jista jirregola l-proċeduri tiegħu. It-Tribunal huwa konxju wkoll ta' ġurisprudenza fejn, propju aggravju fuq fatt simili (li kien ippermetta provi ġodda wara t-trattazzjoni) ma kienx ġie milqugħ[2].

Illi madanakollu, minn qari sħiħ tal-proċess, voluminuż[3], hemm diġa biżżejjed provi sabiex tingħata deċiżjoni finali dwar il-mertu sħiħ ta' dan il-każ. Għal dan it-Tribunal għalhekk ma hemmx l-estremi sabiex għal darba oħra jerġa jinfetaħ l-istadju tal-provi, anke għaliex dan il-proċess diġa ħa l-ħin tiegħu u qiegħed issa kważi finalizzat. Il-prova li tixtieq teżebixxi f'dan il-ħin s-soċjetá konvenuta m'huwiex rikjest sabiex dan il-każ jingħalaq.

Għaldaqstant it-Tribunal filwaqt li qiegħed jordna l-isfilz tad-dokumenti li ġew ppreżentati mar-rikors hawn issa deċiż[4], qiegħed jiċħad it-talba tas-soċjetá konvenuta hekk kif dedotta.

Spejjeż ta' dan l-episodju riżervati għal-ġudizzju finali.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

---

[2] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Austin Camilleri vs Michael Micallef *pro et noe,*** (App Ċiv Għawdex Nru 60/2003/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-14 ta' Lulju 2004.

[3] Oltre 150 foll.

[4] Dawn jinsabu bejn fol 160-u 164 tal-proċess.